KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

***Minuti tas-sitta u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 20 ta'April 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.05 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 75**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li konna kellimna lill-*Enforcement Officer* tal-MEPA li kien infurmana li ser jara x'hemm bzonn li jsir sabiex jinhareg il-*Compliance Certificate*. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu l-kaz mill-qrib mal-MEPA.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** Is-Sindku nforma li konna rcivejna xi lmenti li l-kuntrattur kien qed jibda qabel it-8:00 am. kif ukoll li mhux dejjem segwa l-istess rotta. Gie unanimament deciz li ghandha ssir laqgha mal-kuntrattur sabiex tigi stabbilita' r-rotta li ghandha tibda tigi segwita' kuljum kif ukoll ninfurmawh li l-gbir ma jistax jibda qabel it-8.00 am.

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li l-Perit tal-Kunsill kien infurmah li s-*survey* tax-xelter fuq l-ECAD kien ghadu mhux lest peress li huwa kien imsiefer pero kien wieghdu li dan ghandu jkun ghandna sa l-ahhar ta' din il-gimgha.

**3.4** ***Para 3.5 – Zjara tal-Papa*:** Is-Sindku informa li l-attivita' li l-Kunsill kien organizza flimkien mal-Parrocca fi Triq ix-Xwieki kienet success u numru kbir ta' residenti kienu attendew. Peress li kienu saru 6 vjaggi permezz tal-*minibus* mill-Pjazza sa Triq ix-Xwieki u lura, gie unanimament deciz li l-kuntrattur ghandu jithallas €25 ghas-servizz li offra.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**3.5** ***Para 3.6 – Haddiema mal-Kunsill:*** L-Agent S.E. informa li l-ETC kienu nfurmawna li mis-26 ta' April kienu ser jibghatu 2 haddiema gewwa l-lokalita' taghna. Gie unanimament deciz li filwaqt li wiehed minnhom ghandu jkompli x-xoghol ta' zebgha gewwa Gnien il-Paci, l-haddiem l-iehor ghandu jintbghat fi Triq Ghaxqet l-Ghajn sabiex jaqta l-haxix. Il-haddiem ta l-IPSL ghandu jibda xoghol fuq il-*markings.*

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:30 pm***

**3.6** ***Para 3.7 – Gemellagg Giarratana*:** L-Agent S.E. informa fil-granet li ghaddew kien iddiskuta dan is-suggett mal-Vici Sindku fid-dawl ta' l-Avviz Legali li jirregola l-gemellaggi. Huwa qal li malli l-Kunsill ikollu l-konferma li hemm qbil min naha ta' Giarratana li ghandu jsir il-gemellagg, il-Kunsill ghandu jipprezenta rapport li jintbghat lill-Ministru dwar l-iskop li ghalih ikun ser isir il-gemellagg. Huwa qal li l-A.L. jistipula li l-Kunsill jista jonfoq sa mhux aktar minn €3,500 fuq il-gemellagg u li l-persuni li jistghu isiefru a spejjez tal-Kunsill huma l-Kunsillieri u s-S.E. biss. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Vici Sindku ghandu jkompli jahdem sabiex tingieb il-konferma minghand il-Kunsill ta' Giarratana li huma nteressati li jaghmlu dan il-gemellagg. Malli tingieb din il-konferma jkun jista jibda jigi mhejji r-rapport imsemmi.

**3.7** ***Para 3.8 – Rapport SEAP*: –** Is-Sindku nforma li huwa flimkien ma' l-Agent S.E. kien iltaqa ma' l-Ingjinier li qed ihejji dan ir-rapport u jidher li dan ghandu ideja cara dwar fuq xiex ghandu jahdem il-Kunsill sabiex ikun jista jilhaq il-miri tieghu. Huwa qal li aktar tard din il-gimgha ghandu jigi nstallat *vehicle counter* fi Triq San Gwann sabiex ikun jista jigi determinat il-volum ta' vetturi li jidhlu u johorgu mir-rahal sabiex jghin f'dan il-progett. L-Agent S.E. zied jghid li ser ikun hemm bzonn li jsir *sampling* ta' l-istil ta' hajja ta' diversi residenti Gharghurin ibbazata wkoll fuq il-konsum tad-dawl. Il-Kunsillieri weghdu l-ghajnuna taghhom ghal dan l-ezercizzju.

**3.8** ***Para 3.9 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li ghalkemm kien gie mwieghed li sa qabel il-laqgha kellu jkollu kopja tal-kuntratt kif mitlub mill-Kunsill dan baqa ma wasalx. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jkompli jsegwi mill-qrib dan il-kuntratt sabiex ikun jista jsir l-iffirmar fil-granet li gejjin. Gie innotat ukoll li l-kuntrattur tal-Green MT naqas milli jigbor xi boroz u jidher li s-servizz tal-gbir ma inghatax fit-toroq kollha. Is-S.E. intalab ikompli isegwi lil dan il-kuntrattur u jigbidlu l-attenzjoni ghal xi nuqqasijiet.

**3.9** ***Para 3.10 – Tabella Triq Ferdinand:*** L-Agent S.E. informa li t-tabella kienet giet ordnata kif approvat fl-ahhar laqgha,

**3.10** ***Para 3.11 – Bank fi Triq il-Mithna*:** L-Agent S.E. informa li huwa kien iltaqa mar-resident li originarjament kien ghamel it-talba ghall-bank u meta indikalu l-post ta' fejn hu deciz li jehel il-bank dan kien infurmah li dan il-post ma kienx

accettabbli ghalih. Huwa qal li kien informa lir-resident li huwa kien ser jinforma b'dan lill-Kunsill pero ma jahsibx li d-decizjoni ser tinbidel peress li l-post identifikat mill-Kunsill joffri l-aktar sigurta'. Il-Kunsill unanimament ikkonferma d-decizjoni li kien ha qabel.

**3.11** ***Para 3.12 – Yellow Grid – Birguma Bypass:*** L-Agent S.E. informa li t-TM kienu nfurmawna li normalment ma jsirux dawn it-tip ta' *grids* vicin ir-*roundabouts* u dan minkejja li f' Hal Lija hemm *grids* ta dan it-tip. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jkompli jsegwi l-kaz mat-TM.

**3.12** ***Para 3.15 – Zvilupp fi Triq Katerina Sammut:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien mar il-MEPA u kien tkellem mal-*Case Officer* li spjegalu li l-MEPA kienet obbligata li timxi mar-regoli taghha u kien assigurah li hekk kien ser isir f'dan il-kaz partikulari. Huwa zied jghid wara kien talab konferma bil-miktub lill-MEPA dwar dan. S'issa ghadna qed nistennew risposta.

**3.13** ***Para 3.17 – Photovoltaic Tender :*** L-Agent S.E. informa li konna rcivejna dettalji dwar kemm kienu l-offerti ghall-Kunsilli Lokali f'daqqa u fic-cirkostanzi l-Agent S.E. intalab sabiex igib id-dettalji rilevanti ghall-Kunsill Lokali taghna.

**3.14** ***Para 3.20 – Maintenance Agreement Lift :*** L-Agent S.E. ipprezenta t-3 kwotazzjonijiet li konna rcivejna u wara diskussjoni qasira gie unanimament deciz li tinghazel l-offerta ta' l-Ing. Ray Spiteri peress li din giet meqjusa bhala l-aktar wahda vantaggjuza. Gie unanimament deciz ukoll li c-Central Lifts jigu mitluba jirrangaw il-hsara li prezentament fih il-*lift*.

**3.15** ***Para 8.8 – WIFI Access Points:*** L-Agent S.E. informa li kienet saret applikazzjoni kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.16** ***Para 8.9 – Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet Lifelong Learning:*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jikseb aktar dettalji mid-Dipt. ta' l-Edukazzjoni dwar xi korsijiet partikolari filwaqt li l-Kunsillier P. Fenech kellu jgib xi dettalji dwar xi korsijiet ohra li hu xtaq li jigu organizzati taht l-iskema. Fl-istess waqt is-Sindku nforma li Ms. Alexia Spiteri, li torganizza korsijiet tal-kompjuter gewwa l-lokalita', kienet offriet li torganizza wkoll korsijiet taht din l-iskema. Gie unanimament deciz li l-Kunsill japplika ghal dawn il-korsijiet kollha inkluz dawk proposti minn Ms. Spiteri.

**3.17** ***Para 8.13 – Seminar TM :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien attenda ghal dan is-seminar u fost l-ohrajn kienet saret enfazi sabiex meta l-Kunsilli jkunu ser johorgu permessi ghal *tower cranes* fil-lokalita' ghandhom jinfurmaw b'dan lil-TM kif ukoll li meta ssir triq bit-*tarmac*, il-perit tal-Kunsill ghandu jiehu hsieb jimla l-*Compliance Certificate*. Gie unanimament deciz li fil-granet li gejjin, il-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' perit kif ukoll ghal dak ta' kisi ta' toroq bit-*tarmac*, ix-xiri ta' materjal ghall-*patching* u xoghlijiet ohra fit-toroq bhal bankini etc.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**3.18** ***Para 9.1 – Embellishment Monument Pjazza :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu qed jistenna ufficcjali mid-Dipt. ghad-Distretti sabiex jaghtuna stima. Gie unanimament deciz li ghandu jitqabbad perit sabiex ihejji disinn u joffri suggerimenti ghall-*embellishment*.

**3.19** ***Para 9.3 – Attivitajiet fil-Lokalita' :*** Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jinfurmaw lill-Agent S.E. jekk humiex ser jattendu halli hu ikun jista jizgura li dawn ikollhom post riservat.

**3.20** ***Para 9.4 – Offerti :*** Wara li l-Kunsill iddiskuta fid-dettal l-offerti sottomessi gie unanimament approvat li tintghazel l-offerta tas-Sur Anton Zarb ghall-provvista'u nstallazzjoni ta' bankijiet. Dan peress li l-bankijiet li offra huma ta stil klassiku kif ukoll bhala prezz kien l-aktar vantaggjuzi meta imqabbla ma l-offerti l-ohra li konna rcevejna. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew unanimanent awtorizzati johorgu l-*Letter of Acceptance* kif ukoll jiffirmaw il-kuntratt mas-Sur Zarb wara li tkun provduta l-*Performance Guarantee*. Gie unanimanent deciz li jigu ordnati bankijiet godda sabiex jinbidlu dawk tal-Pjazza u Triq il-Wiesgha.

Rigward il-*Website*, l-Agent S.E. informa li huwa kien iltaqa ma' wiehed mill-persuni nkarigi minn *Definitive Creations* u dan kien wera lilu u lill-iskrivani il-*backend* tas-sistema tieghu kif ukoll x'toffri l-proposta tieghu. L-Agent S.E. qal li hu qed jirrakomanda li tintghazel l-offerta ta dan il-kuntrattur. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni ta l-Agent S.E. wara li ikkunsidra ukoll li l-offerta ta *Definitive Creations* kienet l-aktar wahda vantaggjuza. Il-Kunsill insista li l-prezz mitlub ghall-izvilupp tal-*website* ghandu jkopri l-ispejjez kollha inkluz il-*hosting*. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew unanimanent awtorizzati johorgu l-*Letter of Acceptance* kif ukoll jiffirmaw il-kuntratt ma *Definitive Creations.*

Fir-rigward ta l-offerti ghall-fanali dekorattivi, wara diskussjoni sar *shortlisting* ta' numru ta' fanali u l-Agent S.E. intalab sabiex igib iktar dettalji dwarhom minghand il-kuntratturi rispettivi sabiex tkun tista tittiehed decizjoni fil-laqgha li jmiss.

Dwar l-offerti li konna ricivejna ghar-*refurbishment* tal-Latrini Pubblici saret diskussjoni peress li minn analizi tal-prezzijiet irrizulta li l-offerta li *prima face* kien tidher li hi l-irhas fil-verita' dan ma kienx il-kaz peress li kien hemm zball fil-ghadd tat-totali. Gie unanimament deciz li l-Kunsillier M. Mifsud u l-Agent S.E. ghandhom jevalwaw aktar fid-dettal dik li issa tidher li hija l-irhas offerta u li jekk ikun hemm bzonn jingiebu l-kjarifici necessarji minghand il-kuntrattur specjalment rigward l-kwalita' tal-materjal. Ghandu jithejja rapport ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-

Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jsir il-hlas dovut lil JJ Ironmongery ta € 40 ghall-kiri ta siggijiet.

**5 Approvazzjoni *Management Accounts* Jan / Mar 10**

**5.1** Is-Sindku pprezenta l-*Management Accounts* ghall-ewwel 3 xhur tas-Sena Finanzjarja 2010. Huwa ta spjegazzjoni dwar id-dhul u l-hrug li kellu l-Kunsill f'dan il-perjodu kif ukoll id-differenzi mal-*Budget* ghall-istess perjodu. Il-*Management Accounts* gew approvati unanimament.

**6 Ilmenti u Suggerimenti**

**6.1** Ilment dwar insetti li allegatament qed jitilghu minn *culvert* fi Triq San Gwann. Gie unanimament deciz li l-Kunsill iqabbad wiehed mill-haddiema *attached* sabiex ibixx il *culvert.*

**6.2** Ilment dwar imbarazz li intefa f'Ghar San Brinkat. Gie unanimament deciz li l-Kunsill iqabbad wiehed mill-haddiema *attached* sabiex inaddaf dan l-ghar.

**6.3** Ilment dwar periklu minn hajt mhux mibni fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Il-Kunsill innota li r-responsabbilta' tal-bini ta' dan il-hajt hija ta' TM u kemm il-darba saret talba sabiex dan il-hajt jinbena. Gie unanimament deciz li dan l-ilment jigi riferut lil TM kif ukoll ninfurmaw lil minn ghamel l-ilment li sabiex jitnaqqas il-periklu sakemm jinbena l-hajt il-Kunsill kien wahhal *bollards.*

**6.4** Talba sabiex isir *patching* quddiem residenza fi Triq San Gwann. Peress li l-Kunsill ghandu l-hsieb li din il-parti tat-triq tigi *resurfaced* taht l-iskema PPP, gie unanimament deciz li ghalissa inkomplu insegwu l-izviluppi.

**6.5** Talba sabiex issir tabella li tindika li minn Triq Caravaggio ghal Triq Indipendenza ma jistghux jghaddu trakkijiet minhabba li din il-parti tat-triq mhiex wiesgha bizzejjed. Din it-talba giet unanimament approvata.

**6.6** Talba sabiex isir *patching* fi Sqaq ic-Cawl. Gie unanimament deciz li din it-talba ghandha tigi investigata u jekk hi gustifikata isir il-*patching* li jkun hemm bzonn.

**6.7** Talba sabiex jitwahhlu aktar *Dog Bins* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Il-Kunsill unanimament ihoss li hemm bizzejjed *Dog Bins* f'din it-triq.

**6.8** Talba sabiex isir *patching* fi Triq Fra Duminku Mifsud. Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz ukoll li jsir *patching* fi Triq Karmnu Zarb.

**6.9** Talba sabiex isiru *Yellow Lines* quddiem entratura ghal garaxxijiet fi Triq Stiefnu Zerafa. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi nvestigata qabel tittiehed decizjoni peress li l-ilment imressaq quddiem il-Kunsill kien nieqes mid-dettalji inkluz indirizz tal-post.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**6.10** Talba sabiex isiru *Double Yellow Lines* fil-bidu ta' Triq San Nikola min naha tal-Pjazza. Din it-talba ma gietx approvata unanimament peress li l-Kunsill ihoss li ma hemmx bzonn din il-mizura.

**6.11** Talba sabiex isiru *Traffic Calming Measures* fi Triq Mons. L. Catania. Din it-talba ma gietx approvata unanimament peress li l-Kunsill ihoss li ma hemmx bzonn din il-mizura. Gie innotat ukoll li din it-triq hija *One Way* u ma tantx jghaddu vetturi minnha.

**6.12** Talba sabiex isir *patching* fi Triq tal-Ferha u tindif iehor fl-inhawi. L-Agent S.E. informa li dan l-ilment qed jigi nvestigat peress li ma ahniex certi dwar il-post ezatt li ghalih qed issir referenza.

**6.13** Talba sabiex jitwahhlu *bollards* mal-hajt ta residenza privata u dan sabiex vetturi ma jolqtux il-faccata tar-residenza. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba u jhoss li jekk jehel dan il-*bollard* jista jkun ta' periklu ghall-vetturi.

***Il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti Item 8 fuq l-Agenda qabel Item 7 peress li l-Kunsillier P. Fenech xtaq ihalli l-laqgha kmieni minhabba mpenji ohra.***

## 8 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**8.1** L-Agent S.E. ta' dettalji tal-laqgha li huwa kellu mas-Sur I. Aquilina mill-Kumitat tan-Nar dwar l-attivitajiet li ser isiru f'Mejju li gej bhala parti mic-celebrazzjonijiet tac-centinarju. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Agent S.E. jinforma lis-Sur Aquilina li mhux possibli li parti kbira mic-centru tar-rahal tinghalaq ghat-traffiku ghal jumejn konsekuttivi kif mitlub u ghalhekk hemm bzonn li jigi rivedut il-programm u t-tqassim ta l-attivitajiet. L-Agent S.E. intalab jaghmel laqgha ohra mas-Sur Aquilina u jkompli isegwi.

**8.2** Il-Kunsillier A. Muscat informa li fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm kien qed jigi organizzat *Weekend Break* f'Lukanda f'tas-Sliema. Huwa nforma wkoll li l-gimgha d-diehla kienet ser issir tombla u tahdita dwar is-servizz tat-*Telecare* filwaqt li f'Mejju kienet ser issir zjara fil-fabbrika tal-*Golden Harvest*. Dan kollu gie approvat unanimament.

**8.3** Fuq suggeriment tal-Kunsillier M. Mifsud gie unanimament deciz li tigi esplorata l-possibilita' li l-Kunsill jaghmel studju f'Ghar San Brinkat dwar il-valur storiku tieghu. Il-Kunsillier Mifsud qal li hu tal-fehma li l-art ta l-ghar ghandha tinkesa b' *reversible hard stone paving*. Dwar din ma kienx hemm decizjoni u l-Kunsill ihoss li l-ewwel tingib aktar informazzjoni minghand il-MEPA/Heritage Malta etc.

**8.4** Gie unanimament deciz li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghas-servizz ta' Polza ta' Assigurazzjoni.

**8.5** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien attenda ghal cerimonja li fiha l-Kunsill kien inghata mid-Dipt tal-Gvern Lokali vowcers u flus ghat-total ta € 466 sabiex ikunu jistghu jinxtraw kotba ghal-Librerija Lokali. L-Kunsillier Fenech ser jiehu hsieb ix-xiri ta’ dawn il-kotba.

**8.6** Gie unanimament deciz li tinxtara *unit* sabiex fiha jkunu jistghu jitqedu l-Minuti tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fid-9:25 pm minhabba mpenji ohra.***

## 7 Korrispondenza

**7.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita’.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.2** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar it-tigdid tal-Polza ta’ l-Assigurazzjoni ta’ l-impjegati u l-Kunsillieri.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill igedded din il-polza.

**7.3** Korrispondenza minghand il-MEUSAC rigward *Seminar* li ser jigi organizzat fis-26 ta’ April dwar il-fondi mill-Unjoni Ewropea.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. ikkonferma li huwa kien ser jattendi.

**7.4** Korrispondenza minghand il-Green MT dwar il-kuntrattur li jigbor l-iskart riciklat kull nhar ta’ Tlieta.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.5** Korrispondenza minghand l-iskola Primarja tar-rahal dwar Jum il-Premjazzjoni ta’ l-istess skola.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li bhas-snin l-imghoddija l-Kunsill jaghti l-premju tieghu li jikkonsisti fi ktieb.

**7.6** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali tinfurmana li s-Sur Natalino Attard kien spicca minn Direttur tad-Dipt. wara s-16 ta’ April 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.7** Korrispondenza minghand l-Onor. Ministru George Pullicino tirringrazzja l-Kunsill ghall-ghajnuna fl-organizzazzjoni tal-Festa Halib li saret fir-rahal f’Marzu li ghadda.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.8** Korrispondenza minghand TM dwar it-talba taghna sabiex titkabbar *Parking Bay* fi Triq Dun Salvatore Zarb.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li ninfurmaw lir-resident li kien ghamel it-talba bir-risposta ta' TM u jekk hu jaqbel tigi implimentata r-rakkomandazzjoni tat-TM.

## 9 Aggornament

**9.1** Il-laqgha giet aggornata fl-9:55 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar l-Erbgha 5 ta' Mejju 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **5 ta' Mejju 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |